13 ta' Frar, 1954

Imħallef:
Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

Antonio Grech pr. et ne. *versus* Carmela Cutajar

**Inġurja**

*Jekk persuna, għal raġunijiet mhux futili, taħseb "bona fide" li saret xi ħaġa bi ħsara tagħha u tagħmel l-imputazzjoni relativa ma tkunx ħatja ta' inġurja; basta tagħmel din l-imputazzjoni bl-anqas publiċità possibbli (għad li l-preżenza aċċidentali, mhux maħsuba, ta' persuna oħra ma ġġibx mala fede) u bla ma żżid ebda kelma mhux meħtieġa f'dawn il-limiti.*

*Għall-iskriminazzjoni ta' fatt simili ma hemmx bżonn li jiġi pruvat li fil-fatt ir-reat għad-dannu tal-kwerelat sar mill-kwerelant; għaliex hu biżżejjed li l-kwerelat ikun raġjonevolment u in bwona fede ħaseb li kien hekk, bla leġġerazza u bla ebda idea ta' vendikazzjoni.*

L-imsemmi Antonio Grech ikkwerela lill-imsemmija Cutajar, talli din inġurjat lill-ibnu minuri Ġorġ Grech. L-

Ewwel Qorti, ċjoè il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, bis-sentenza tagħha tat-3 ta' Settembru, 1953, sabet lill-kwerelata ħatja u kkundannatha għall-piena tal-multa ta' lira; bl-ispejjeż tal-kawża;

Issa, il-kwerelata appellat lil din il-Qorti;

Trattat l-appell, din il-Qorti kkunsidrat;

*Omissis;*

Fil-meritu, il-Qorti hi soddisfatta, partikolarment mix-xhieda ta' l-estranea Antonia Farrugia, li l-fatti żvolġew ruħhom b'dan il-mod. Bejn il-kwerelata u l-familja tal-kwerelanti ma kien hemm ebda dissidju qabel dan l-inċident — ċirkustanza din li qegħdha tiġi premessa biex jiġi eskluż kull possibbli "arrière pensée" fl-aġir tal-kwerelata. Ġurnata waħda, ċertu tifel Ċikku Mangion, li kien qiegħed jilgħab ma' Evanġelista Camilleri, li xehdet, u tfal oħra, fosthom it-tifel tal-kwerelant, qal lill-kwerelata li huma kienu daħlu ġo l-għalqa tagħha, u li tant hu kemm it-tifel tal-kwerelant kienu qatgħu ċ-ċiċri. In segwitu, il-kwerelata, bla ebda kor-la u bla ebda għajjat, ħarġet minn darha, u ftit l-iefel mid-dar tal-kwerelant, iltaqgħet ma' oħt il-minuri Ġorġ Grech, u talbitha, bil-bona manjiera, biex twissi lill-ħuha, għaliex flimkien ma' tfal oħra kien daħlilha għaċ-ċiċri. Kelmitha bil-mod. Żiedet tgħidilha biex ma tgħidx lill-missier it-tifel, ċjoè lill-kwerelant. Meta, sussegwentement, omm it-tifel saw-titu, il-kwerelata ddispjaċiha li qżatu. Antonia Farrugia kienet għaddejja b'kumbinazzjoni u sejra d-dar tal-kwerelant, u għalhekk ħabat li semgħet;

Dan ir-riepilogu tal-fatti, kif aċċertati mill-kumpless attendibbli tal-provi, juri li l-każ jinkwadra ruħu fil-prinċipji, ormaj paċifiċi f'din il-materja, u esposti fis-sentenza ta' l-Imħallef sedenti *in re* "Farrugia vs. Zammit" 30.10.37, App. Krim., li fiha hemm riferenza għal ġudikati oħra, dak "Mizzi vs. Camenzuli" 19.11.1927, ta' l-Imħallef il-kompjant Dottor Luigi Camilleri, u l-ieħor "Micallef vs. Borg" 14.3.1931, tal-President Sir Arturo Mercieca. Jekk persuna, għal raġunijiet mhux futili, taħseb "bona fide" li saret xi ħaġa bi ħsara tagħha, u tagħmel l-imputazzjoni relativa, ma tkunx ħatja ta' inġurja; basta tagħmel din l-imputazzjoni bl-anqas

publiċità possibbli (għad li l-preżenza aċċidentali, mhux maħsuba, ta' persuna oħra ma ġġibx mala fede), u bla ma żżid ebda kelma mhux meħtieġa f'dawn il-limiti. Għall-iskriminazzjoni ta' fatt simili ma hemmx bżonn li jiġi pruvat li fil-fatt ir-reat għad-dannu tal-kwerelat sar mill-kwerelant (kif ma ġiex pruvat f'dan il-każ), għaliex hu biżżejjed li l-kwerelat ikun raġjonevolment u in bwona fede ħaseb li kien hekk, bla leġġerezza u bla ebda idea ta' vendikazzjoni;

Il-Qorti hi soddisfatta li l-kliem li ntqalu mill-kwerelata kienu miżmuma f'dawn il-limiti;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara l-imputata mhux ħatja, u tordna li tiġi liberata. L-ispejjeż jitħallsu mill-kwerelant nomine. Onorarju tad-difensuri 12s. għas-seduta tat-23 ta' Jannar, 1954, u 8s. għal kull seduta oħra.